**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
30 ta' Lulju, 2023

# NIFIRĦU U NIFIRĦULU!

Illum xtaqt naqsam ħsieb ta' ferħ magħkom il-qarrejja ta' dan il-messaġġ. Nifirħu lil **Jamie Buttigieg** li issa għadu kif ġie approvat biex jibda l-kors bħala seminarista, liema formazzjoni jekk Alla jrid twasslu għas-saċerdozju. Aħna nifirħu għax wara tant snin għandna kandidat mill-parroċċa tagħna.



B'dawn is-sentimenti ma rrid innaqqas xejn mis-siwi ta' kull vokazzjoni. Anzi ngħid li biex ikollna vokazzjoni għas-Seminarju rridu nimpenjaw ruħna aktar favur li jkollna familji stabbli, ferħanin, għax minkejja kull diffikultà li tippreżentalna d-dinja, jippruvaw jgħixu l-Vanġelu b'impenn.



Mill-parroċċa tagħna ħarġu bosta u bosta vokazzjonijiet saċerdotali. Ta' min isemmi llum lil **Dun Mikiel Attard**, saċerdot li mmarka l-ħajja ta' ħafna nies. Nhar il-Ħadd li ġej, 30 ta' Lulju, l-Isqof Anton Teuma se jmexxi quddiesa f'Ta' Pinu, fl-okkażjoni tad-19-il sena mill-mewt tiegħu. Il-quddiesa tibda fil-5:00pm. Il-parroċċa se torganizza t-trasport li jitlaq fl-4:30pm minn ħdejn l-Uffiċċju Parrokkjali u lura wara l-Quddiesa għal dawk li jixtiequ jattendu.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻ DWAR DFIN FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** Navżaw li fl-oqbra mhux privati (imsejħin tal-komun), wara sentejn se jitħarrku l-fdalijiet ta' ġo fihom sabiex ikun jista' jsir dfin ieħor li jinqala' minn żmien għal żmien.
Dawk il-persuni li għandhom jew 'il quddiem ikollhom lil xi ħadd midfun f'xi qabar minn dawk imsemmijin fuq, u jkunu jridu jittrasferuh għal ċimiterju ieħor jew ikunu jridu jixtru qabar, huma mitlubin ikellmu lil min hu responsabbli fl-Uffiċċju Parrokkjali, qabel ma jsir it-trasferiment.
Fil-każ li jkunu jridu jżommu l-fdalijiet tal-mejtin tagħhom f'xi kaxxa fil-kannirja, il-qraba huma mitlubin javżaw b'dan u jipprovdu kaxxa jew borża meħtieġa meta jkunu avżati.

**L-AVVIŻI:**

**VOLONTARJAT FIL-GWATEMALA:** Fr Mark flimkien ma' tliet żgħażagħ, Brittany Attard, Maria Camilleri u Dr Rebekah Scerri, se jkunu qed iżuru l-missjoni ta' Dun Anton Grech fil-11 t'Awwissu. Min jixtieq jgħin billi jagħmel xi offerta għall-missjoni jista' javviċina lil xi ħadd minnhom. Navżawkom ukoll li l-ġabra li se ssir fil-quddiesa tal-11:00am tal-Ħadd 30 ta' Lulju se tkun b'risq il-missjoni ta' Dun Anton fil-Gwatemala.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 4 t'Awwissu hija l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5:00pm ikun hawn is-siegħa tal-Ħniena Divina. Ilkoll mistednin. Ġesù jixtieq jaqsam il-Ħniena tiegħu ma' kulħadd.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** did-darba mhux fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar imma l-Ġimgħa ta' wara, 11 t'Awwissu, fil-5:00pm.

**ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA FIL-VĠILI TAT-TLUGĦ TA' MARIJA FIS-SEMA:** nhar it-Tnejn 14 t'Awwissu. Din il-Velja, bil-Quddiesa, se tinżamm fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu u tibda fit-8:00pm. Se titmexxa mill-Isqof Anton Teuma. It-trasport jitlaq minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali fis-7:15pm.

**SKEDA TAL-GĦOTI TAD-DEMM FIL-BERĠA TAX-XEWKIJA MATUL IX-XAHAR T'AWWISSU:** nhar it-Tlieta 8 u t-Tlieta 22 t'Awwissu, mis-1:00pm sal-5:00pm u l-Ħadd 13 u l-Ħadd 27 t'Awwissu mit-8:00am sas-1:00pm Il-karta tal-identità u l-maskra huma meħtieġa.

**L-ISTORJA TAN-NADUR:** fl-uffiċċju parrokkjali wieħed għadu jista' jsib sitt (6) settijiet taż-żewġ volumi tal-istorja miktuba minn Patri Alexander Bonnici, dwar l-istorja tan-Nadur. Dawk li jixtiequ jakkwistaw iż-żewġ volumi, ikellmu lil xi ħadd minn tal-Uffiċċju.

**GRAZZI:** nirringrazzjaw lill-Għaqda San Franġisk li għadditilna €130 mill-fundraising, liema somma se tmur għall-missjoni.

**COOKER TAJJEB GĦAD-DONAZZJONI:** familja mill-parroċċa għandha cooker tal-gas b'4 burners li tixtieq tagħtih b'xejn lil xi ħadd fil-bżonn. Jekk tafu lil xi familja li tkun interessata, għarrfuna fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**NIFIRĦU** lil **Mons. Joseph Grech** mill-Parroċċa tagħna li jinsab jaqdi l-ministeru saċerdotali tiegħu f'Ruma li ġie magħżul bħala l-Postulatur il-ġdid tal-kawża tal-beatifikazzjoni tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard u fl-istess ħin inkomplu nitolbu biex din il-kawża tkompli miexja 'l quddiem.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am